**18 ta' Jannar, 1963**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E.,K.M., B.Litt., LL.D.**

Salvatore Camilleri

*versus*

Nikola Magro ne.

**Appell — Kontumaċja — Provi — Art. 206(2) tal-Kap. 15.**

*Il-kontumaċja quddiem l-Ewwel Qorti mhix ġustifikata billi l-konvenut jgħid illi huwa mar biċ-ċitazzjoni għand l-avukat ġurnata qabel il-jum li fih kellha tinstama' l-kawża, għax kien bl-impressjoni li [illegible]. U allura, ta' darba l-kontumaċja tiegħu mhix ġustifikata, huwa ma jistgħax iġib xhieda fl-appell.*

*Jekk il-meritu tal-kawża kien il-ħlas ta' xogħol magħmul mill-attur lill konvenut appellant, mhuwiex assolutament neċessarju li l-Qorti tal-Appell tilqa' s-sottomissjoni tiegħu illi l-Ewwel Qorti messha, qabel tagħti s-sentenza, tinnomina espert biex jistma x-xogħol, billi mingħajr din il-prova l-Qorti ma jistgħax ikollha quddiemha elementi biżżejjed biex tilqa' t-talba, u li għalhekk dak l-espert jiġi nominat mill-Qorti tal-Appell. Jekk iċ-ċirkustanzi tal-każ ikunu tali li din l-aħħar imsemmija Qorti tħossa soddisfatta illi t-talba hija ġustifikata, tista' taqta' l-kawża u tilqa' t-talba anki mingħajr in-nomina tal-espert.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta illi hu eżegwixxa xogħol ta' njam għall-konvenut li jiswa £154.15.0; u illi l-konvenut ħallas lilu akkont ta' £90 u fadallu jagħti bilanċ tal-istess xogħol is-somma ta' £64.15.0; talab illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, l-istess konvenut ikun kundannat iħallsu s-somma ta' £64.15.0, bilanċ ta' prezz akbar ta' xogħol tal-injam u affini magħmula għall-konvenut. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' impediment tas-safar tal-14 ta' Awissu 1962, kontra l-konvenut; u bl-interessi legali;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-16 ta' Ottubru 1962, li biha laqgħet it-talba tal-attur, bl-ispejjeż kontra l-konvenut; wara li kkonstatat li l-konvenut, għalkemm regolarment notifikat bl-att taċ-ċitazzjoni u d-dikjarazzjoni tal-attur, baqa' ma ppreżentax nota tal-eċċezzjonijiet, u wara li semgħet lill-attur u mix-xhieda tiegħu dehrilha illi t-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni kienet ġustifikata;

Rat, in-nota tal-appell tal-konvenut nomine u l-petizzjoni tiegħu, li biha talab li s-sentenza appellata tiġi revokata u t-talba tal-attur tiġi miċħuda; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Fuq il-kwistjoni tal-kontumaċja, l-unika spjegazzjoni li ta lil din il-Qorti Nicola Magro, li qiegħed jirrappreżenta lill-konvenut f'din il-kawża, kienet illi hu ħa ċ-ċitazzjoni għand l-avukat ġurnata biss qabel kellha tinstama' l-kawża in prima istanza, għaliex kien bl-impressjoni li dan kien biżżejjed, peress illi darb'oħra qabel hu kellu kawża li fiha kien attur u l-avukat allura kien qallu li jkun biżżejjed jekk jeħodlu l-karti l-lejliet;

Anqas hemm bżonn jingħad li din mhix ġustifikazzjoni; u infatti lanqas l-avukat difensur ma ssuġġerixxa bl-ebda mod illi hija, la fil-petizzjoni tal-appell u lanqas oralment lil din il-Qorti;

Għalhekk, skond l-art. 206(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, l-appellant hu prekluż milli jipproduċi xhieda fl-appell;

Hu, però, issottometta illi l-Qorti għandha tinnomina espert biex jistma x-xogħol, għax mingħajr din il-prova l-Qorti ma tistgħax ikollha quddiemha elementi sodi biżżejjed biex tilqa' t-talba tal-attur;

Din il-Qorti, però, mhix ta' fehma illi dan hu opportun u assolutament neċessarju f'dan il-każ. Hu veru illi quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti l-attur fix-xhieda tiegħu ma kienx ta dettalji dwar kif is-somma laħqet l-ammont

pretis minnu; iżda dan ġie issa rimedjat. Infatti, l-attur issa eżibixxa kont dettaljat li juri d-diversi partiti li jiffurmaw l-ammont intier. Kif jidher, kopja ta' dan il-kont kienet, żmien qabel ma bdiet il-kawża, ġiet mogħtija lill-konvenut. Meta dan qanqal kwistjoni fuq l-ammont għax rah eżaġerat, l-attur aċċetta li jiġi mqabbad mgħallem, anki magħżul u nominat mill-istess konvenut, biex jistma x-xogħol; però din il-proposta ma seħħetx, għaliex il-konvenut ippretenda illi dan l-imgħallem imur u jispezzjona x-xogħol fid-dar tiegħu bla ma jkun preżenti l-attur, mentri l-attur ħass, fil-fehma tal-Qorti wisq ġustament, illi hu kellu jkun ukoll preżenti, biex jista' jagħti l-ispjegazzjonijiet li kien jista' jkun hemm bżonn;

Intant, l-attur baqa' anki wara jistaqsi lill-konvenut kif kienu sejrin jibqgħu, iżda l-konvenut ħallieh bla risposta, u saħansitra siefer mingħajr anqas ma nfurmah jew issolva miegħu din il-pendenza;

L-attur ġie msejjaħ biex jixhed darbtejn mill-Qorti, u ġie sottomess għal eżami aktarx rigoruż, tant mill-Qorti stess kemm mill-avukat tal-appellant. Hu ta l-ispjegazzjonijiet u l-informazzjonijiet kollha li ġew mitluba, u assigura illi l-pagi li nizżel fil-kont għax-xogħol jirrappreżentaw kollha ġranet ta' xogħol effettivament maħduma u mpjegati esklużivament fuq dan ix-xogħol. Il-Qorti ġiet impressjonata favorevolment bil-mod frank, pjen u manifestament sinċier li bih hu ddepona, u ma tħoss ebda dubju li l-ammont reklamat minnu hu realment dovut. Ix-xogħol jidher li kien pjuttost kbir, li jgħatti tliet naħħiet tal-kamra u biċċa fin-nofs. Il-manifattura, kif qal l-attur, kienet mill-aħjar, tant għaliex il-klijent kien perit, u kwindi jifhem, kemm għaliex kien jiġi xi ħaġa mill-attur. Infatti, ix-xogħol kien ilu li ġie konsenjat lill-konvenut, u dan mhux talli ma sabx difetti fih, iżda talli ta prosit tiegħu lill-attur;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant.